# Ħidma kontra t-traffikar uman

Kull sena, eluf ta’ persuni jiġu ttraffikati lejn bliet Ewropej. Jewel, żagħżugħa Niġerjana, kienet bi ħsieb li sejra d-Danimarka biex taħdem bħala *carer* mal-anzjani. . *“Kont qed nirringrazzja lil Alla tal-opportunità li nkun f'dan il-pajjiż. Kont ħerqana biex nibda x-xogħol."*

Jewel qabdet titjira min-Niġerja bil-ħsieb li kienet se taħdem mal-anzjani. "*Nies li jiġu ttraffikati normalment jgħaddu mil-Libja u ġeneralment jmorru bil-karozzi tal-linja u bid-dgħajjes. Iżda dan il-vjaġġ  tant kien organizzat tajjeb li ma kien hemm xejn x’wieħed jista’ jissusspetta ħażin,"* tenniet Jewel.

F’Kopenħagen, Jewel iltaqgħet ma’ mara Niġerjana, li ħaditha f’ Vesterbro, *red light district* ta’ Kopenħagen. *“Kont qed infittex xi tip ta’ sptar,”* tirrakkonta Jewel, iżda minnufih il-mara qaltilha, *“hawnhekk huwa l-post fejn se tkun qiegħda taħdem”.*

Jewel bdiet tfittex biex tara jekk il-mara kinitx qed tirreferi għal xi bini li ma kinitix għadha ndunat bih...sakemm spjegatilha li x-xogħol kien fit-triq taħdem ta’ prostituta.

It-tfajla tiddeskrivi l-ewwel esperjenza tagħha ma’ l-ewwel klijent. *"Għal bidu ma kontx nitkellem bil-lingwa u ma kelli l-ebda idea ta’ x'kien qed jgħid - kellna nużaw Google Translate biex nikkomunikaw. Kienet esperjenza tal-biża'."* Darba minnhom klijent *“ħareġ u ġie lura b’żewġt ibramel silġ. U beda jferragħli dan is-silġ fil-banju f’nofs ix-xitwa…”*.

F’lejl minnhom, Jewel iltaqgħet ma’ mara fit-triq, taħdem ma’ NGO li tappoġġja persuni traffikati fid-Danimarka. Din il-mara malli lemħet lil Jewel, timida ta’ 20 sena, tatha karta bid-dettalji fejn tista’ tikkuntataha. Kienet din il-laqgħa ma’ din il-mara li bidlet ħajjet Jewel fid-Danimarka.

Dawn il-każijiet ta’ traffikar insibuhom f’diversit bliet Ewropej inkluż f’Malta fejn kellna każijiet simili ta’ traffikar uman. Fil-fatt, fuq il-mezzi tax-xandir u l-pjattaformi soċjali naqraw ħafna stejjer ta’ din ix-xorta.

It-traffikar uman huwa wieħed mill-agħar forom ta' vjolenza. Fl-2018, madwar 50,000 vittma tat-traffikar uman ġew irrappurtati minn 148 pajjiż. L-isfruttament sesswali u x-xogħol sfurzat

huma żewġ tipi tat-traffikar. Bejn l-2010 u l-2012, 53% tal-vittmi fid-dinja ġew sfruttati sesswalment (97% minnhom kienu nisa) u 40% ġew traffikati għal skopijiet ta' xogħol sfurzat (65% minnhom kienu irġiel).

Biex tiġi indirizzata din il-problema, sa mill-2013, l-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda ddikjarat f'riżoluzzjoni li l-Jum Internazzjonali kontra t-Traffikar Uman għandu jiġi ċċelebrat fit-30 ta' Lulju ta' kull sena sabiex titqajjem kuxjenza dwar is-sitwazzjoni tal-vittmi tat-traffikar uman.

It-traffikar uman isir għal diversi raġunijiet, jieħu forom differenti, u jsir b'mezzi differenti. Fil-fatt, l-internet u l-pjattaformi diġitali joffru lit-traffikanti għodod sabiex jirreklutaw, jisfruttaw, u jikkontrollaw lil-vittmi. Huwa propju f'dan il-kuntest li t-tema magħżula mill-Ġnus Magħquda għal din is-sena hija 'L-użu u l-abbuż tat-teknoloġija'.

Madanakollu t-tema ta' din is-sena tiffoka dwar l-irwol tat-teknoloġija bħala għodda li tista' tippermetti kif ukoll timpedixxi t-traffikar uman. Dan għaliex l-użu tat-teknologija jista' jgħin fl-infurzar tal-liġi u fis-sistemi tal-ġustizzja kriminali, inkluż fl-investigazzjonijiet, fit-tisħiħ tal-prosekuzzjonijiet permezz ta' evidenza diġitali, kif ukoll fis-servizzi ta' appoġġ lill-vittmi. Kampanji ta' għarfien dwar l-użu sigur tal-internet u l-midja soċjali jistgħu jgħinu wkoll sabiex jittaffew ir-riskji li l-individwi jisfaw vittmi tat-traffikar onlajn.

Matul is-snin saret ħidma konġuta kontra t-traffikar uman. Fuq livell Ewropew, id-Direttiva dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi, tipprovdi miżuri leġiżlattivi mmirati biex jiġġieldu t-traffikar tal-bnedmin u jipproteġu aħjar lill-vittmi.

F'Malta, il-Gvern adotta l-ħames '*Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar il-Ġlieda kontra It-Traffikar 2020-2023*' imsejjes fuq il-pjanijiet ta' azzjoni preċedenti. L-azzjonijiet previsti jindirizzaw l-aspetti ewlenin tal-ġlieda kontra t-traffikar uman b'attenzjoni partikolari fuq l-għarfien u l-prevenzjoni. F'Malta tnediet ukoll konsultazzjoni pubblika f'Settembru tal-2019 bil-għan li titwettaq riforma dwar it-traffikar uman u l-prostituzzjoni.

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (l-NCPE) tat ukoll il-kontribut tagħha matul il-perjodu ta' konsultazzjoni pubblika. Fil-fatt, l-NCPE laqgħet il-maġġoranza tal-

miżuri proposti fir-riforma dwar it-traffikar uman u l-prostituzzjoni. B'mod partikolari, l-NCPE faħħret l-isforzi sabiex jiġi miġġieled it-traffikar uman permezz ta' prevenzjoni, kampanji ta' għarfien, tisħiħ tal-liġijiet u mekkaniżmi ta' protezzjoni.

It-traffikar uman jmur kontra d-drittijiet fundamentali tal-bnedmin. Għaldaqstant, f'dan il-Jum Internazzjonali kontra t-Traffikar Uman jeħtieġ li nqajmu aktar għarfien dwar dan ir-reat serju, inżidu l-isforzi tagħna sabiex nagħtu l-appoġġ lill-vittmi, u niżguraw li t-traffikanti kriminali jitressqu quddiem il-ġustizzja.

*Għal aktar informazzjoni tista' tagħmel kuntatt mal-NCPE fuq 2276 8200 jew billi tidħol fuq il-websajt [www.ncpe.gov.mt](http://www.ncpe.gov.mt)*

**15 ta' Lulju 2022**